# INNU GĦAL ŻMIEN L-AVVENT

*Ta'* Beneditt M. Caruana

F'riġlejk, ħelwa Marija,
Mixħuta nagħtuk qima:
Ilqa' flimkien ma' Ibnek
Minn qalbna dit-tislima;
Għax f'dan iż-żmien
[imqaddes,
Fil-waqt li xebba bqajt,
Sirt Omm ta' l-Iben t'Alla
U l-maħfra lilna qlajt.
Kien hedded Alla fl-Eden
Lis-serp mimli bis-semm:
"Mara tgħaffiġlek rasek;
Nisilha r-rebħ itemm".
Int dik il-Mara safja,
Lill-ħlejjaq kollha
[għaġġibt,
Marija, u b'qawwet Ibnek
Fuq l-għadu r-rebħa ġibt.
Minn żmien qadim ma' Akaz
Kien tkellem Iżaija,
U ħwejjeġ kbar kien ħabbar
Fil-ħsieb t'Alla moħbija:
"Għad Xebba tnissel
[Tfajjel,

Manwel għad isejħulu,
F'idejh, Imħallef għaqli,
Miżien il-ħaqq jerħulu".

Fuqek, O Xebba ħelwa;
Dak il-Profeta tkellem;
Lilek u 'l-Frott ta' ġufek
Kien ra mill-bogħod u sellem:
"Minn Jesse toħroġ
[Fergħa
U Warda tfuħ ittalla',
Fuq din jistrieħ
[b'Qawwietu
L-Ispirtu tal-Kbir Alla".

Roxxu mela fuq rasna,
Smewwiet, bħan-nida wtiqa,
O sħab, fittex agħtina
Il-Ħaqq bħax-xita sfiqa·
Marija, Int niżżiltu
Mis-Sema lill-Feddej;
Int dik is-Sħaba għanja
Li minnha Ġesù ġej.

U meta ż-żmien li tiftaħ
Il-Warda f'lewnha sar,
L-Anġlu, mibgħut mis-Sema,
Jasal għandek bl-aħbar:
"Is-sliem għalik! maħtura
Mis-Sema ġejt, Marija,
Biex fik wegħdietu jwettaq,
Int tkun Omm il-Messija".
Xi ġmiel, O Ġilju safi!
Sa 'l Alla għaxxaqt bis-sħiħ,
Ibnu jkun Iben tiegħek!
Ġesù int issemmih.
Stagħġibt, tħawwadt,
[Madonna,
Għal dal-kliem setgħani:
"Kif sejjer, jekk jien
[xebba
Jitnissel ġewwa ħdani?"

U jtenni l-Anġlu b'qima:
"L-Ispirtu t'Alla miegħek,
Igħattik b'qawwietu, u
[Mqaddes
Ikun in-Nisel tiegħek".

U tidwi l-oħla kelma:
"Tiegħek jien il-qaddejja,
Jekk jogħġbok ix-xejn
[tiegħi,
IKUN, kif trid, Mulejja".

Infetaħ, art, immela,
Ha' tnibbet il-Feddej!
O ħiejjaq, hejju ruħkom
Biex tilqgħu lill-Mulej!
U l-Kelma saret Bniedem,
O Fjur, f'ġufek bla
[mtabba'
Kif għidt "IKUN", u
[twettaq
Misterju kbir ta' mħabba.

Għalhekk, ħelwa Marija,
Quddiemek mixħutin,
F'riġlejk, lilek nitolbu
F'ġieh Ibnek il-ħanin:
Hejjina, Kbira Verġni,
Biex nilqgħu lil Ġesù
Kif jixraq, bl-aqwa
[mħabba.
F'dil-qalb li tana Hu.

Dan l-Innu jista' jingħad bħala Kurunella għan-Novena tal-Milied billi żżid disa' AVE MARIJIET, waħda wara kull waħda mill-ewwel disa' strofi u SALVE REGINA wara l-aħħar waħda.